**A.L. 122 ta' l-2008**

## ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA (KAP. 465)

### Regolamenti ta' l-2008 fuq Kumitat Nazzjonali dwar l-Antibijotiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 25 u 26 ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru għall-Politika Soċjali għamel, wara li kkonsulta lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2008 fuq Kumitat Nazzjonali dwar l-Antibijotiċi. Titolu.

**2.** Qiegħed jiġi mwaqqaf Kumitat Nazzjonali dwar l-Antibijotiċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat". Twaqqif ta' kumitat.

**3.** Ikun id-dmir tal-Kumitat li: Dmirijiet tal-Kumitat.

(a) iġib 'il quddiem fehmien ta' u sostenn fil-ħruġ ta' riċetti u l-għoti u l-użu ta' antibijotiċi fost professjonisti mediċi, farmaċewtiċi u veterinarji kif ukoll fost il-pubbliku b'mod ġenerali;

(b) jikkordina strateġiji li jkunu jiżguraw l-effettività kontinwa ta' aġenti antibijotiċi li jintużaw fil-kura u l-prevenzjoni ta' mard infettiv kemm fil-bnedmin kemm fl-annimali;

(ċ) jiżviluppa u jirrakkomanda strateġiji sabiex jitħarsu d-direttivi u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Unjoni Ewropea dwar l-użu u r-reżistenza ta' l-antibijotiċi;

(d) jagħti parir lis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika fuq il-miżuri meħtieġa sabiex tiġi mnaqqsa r-reżistenza antimikrobika;

(e) irawwem l-iżvilupp ta' linji gwida li jsiru bil-miktub flimkien ma' rakkomandazzjonijiet għall-użu ta' antibijotiċi msejjes fuq il-provi kemm fl-isptarijiet kemm fil-kuntest tal-komunità;

(f) jirreaġixxi b'mod tempestiv u realistiku għal problemi serji fil-qasam tar-reżistenza antimikrobika skond ma dawn jinqalgħu minn żmien għal żmien;

(g) iżomm ruħu aġġornat ma' l-aħħar riċerka u rakkomandazzjonijiet li jsiru fuq l-użu u r-reżistenza ta' l-antibijotiċi u jxerrdu dik l-informazzjoni;

(h) jagħti kull parir ieħor li jista' jkun meħtieġ mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Sorveljanza.

**4.** (1) Il-Kumitat għandu jara, jiddelega jew jikkordina t-twaqqif ta' sistemi ta' sorveljanza sabiex jiġu analizzati tendenzi li jkollhom x'jaqsmu mar-reżistenza u l-użu ta' antibijotiċi fl-isptarijiet kif ukoll fil-komunità.

(2) Bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 8 ta' l-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Kumitat għandu jaġixxi bħala korp awtorizzat u jiġbor, mingħand kull entità rilevanti, informazzjoni adatta li tkun tirrigwarda r-reżistenza antibijotika kif ukoll informazzjoni fuq il-konsum, id-distribuzzjoni u l-għoti ta' aġenti antimikrobiċi li jintużaw fil-kura u l-prevenzjoni ta' infezzjonijiet kemm fil-bnedmin kemm fl-annimali.

Ghamla tal-Kumitat.

**5.** (1) Il-Kumitat għandu jinħatar mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika u għandu jkun magħmul kif ġej:-

(a) president;

(b) persuna speċjalizzata fil-Mikrobijoloġija/Batterjoloġija;

(ċ) persuna speċjalizzata fil-Mediċina tas-Saħħa Pubblika;

(d) persuna speċjalizzata fil-Mard Infettiv;

(e) persuna speċjalizzata fil-Mediċina tal-Familja;

(f) spiżjar;

(g) kirurgu veterinarju.

(2) Il-Kumitat għandu jkollu segretarju li jinħatar mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika.

Il-Kumitat ghandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

**6.** Il-Kumitat għandu jirregola l-proċedura tiegħu nnifsu.

**L.N. 122 of 2008**

# PUBLIC HEALTH ACT
# (CAP. 465)

## National Antibiotic Committee Regulations, 2008

IN exercise of the powers conferred by articles 25 and 26 of the Public Health Act, the Minister for Social Policy has, after consulting the Superintendent of Public Health, made the following regulations:-

**1.** The title of these regulations is the National Antibiotic Committee Regulations, 2008. Title.

**2.** A National Antibiotic Committee, hereinafter referred to as "the Committee", is being established. Establishment of committee.

**3.** It shall be the duty of the Committee to: Duties of the Committee.

(a) promote the understanding of, and support for, correct prescribing, dispensing and use of antibiotics amongst medical, pharmaceutical and veterinary professionals as well as the public at large;

(b) coordinate strategies to ensure the continued effectiveness of antibiotic agents used in the treatment and prevention of infectious diseases in humans and animals;

(c) develop and recommend strategies to comply with directives and recommendations issued by the European Union on antibiotic use and resistance;

(d) advise the Superintendent of Public Health on measures necessary to minimise antimicrobial resistance;

(e) foster the development of written guidelines and recommendations for evidence-based use of antibiotics in both hospitals and community settings;

(f) react in a timely and realistic way to acute problems in the field of antimicrobial resistance as they arise;

(g) keep abreast of the latest research and recommendations on antibiotic use and resistance and disseminate such information;

(h) tender all such advice as may be requested by the Superintendent of Public Health.

Surveillance.

**4.** (1) The Committee shall undertake, delegate or coordinate the establishment of surveillance systems to analyse trends in antibiotic resistance and use within hospitals as well as in the community.

(2) By virtue of the powers conferred by article 8 of the Public Health Act, the Committee shall act as an authorised body and collect, from any relevant entity, appropriate information concerning antibiotic resistance as well as data on the consumption, distribution and dispensing of antimicrobial agents used in the treatment and prevention of infections in humans and animals.

Composition of the Committee.

**5.** (1) The Committee shall be appointed by the Superintendent of Public Health and shall be composed as follows:-

(a) a chairperson;

(b) a specialist in Microbiology/Bacteriology;

(c) a specialist in Public Health Medicine;

(d) a specialist in Infectious Diseases;

(e) a specialist in Family Medicine;

(f) a pharmacist;

(g) a veterinary surgeon.

(2) There shall be a secretary to the Committee who shall be appointed by the Superintendent of Public Health.

The Committee to regulate own procedure.

**6.** The Committee shall regulate its own procedure.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
€0.19 (Lm0.08)